MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1774/2001/1

**Angela Demarco**

**vs**

**David Demarco u Anthony Farrugia Company Limited u Wallace u Domenica Fino, u Chris u Claudette Gauci, u Price Club Operators Limited (il-konjugi Fino u Gauci u Price Club Operators Limited ghal kull interess li jista' jkollhom)**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-9 ta' Novembru, 2001, li in forza taghha ppremettiet:

1. Illi bis-sahha ta' *"Credit Application Form"* hawn annessa u mmarakta Dok. A, il-konvenut David Demarco, ir-ragel tal-attrici, flimkien mal-konvenuti l-ohra Wallace Fino u Chris Gauci impenja ruhu personalment li jaghmel tajjeb ghal dejn ta' terz, cioe' tas-socjeta' Price Club Operators Ltd.; u

2. Illi bejn il-konjugi Demarco tesisti s-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti; u

3. Illi l-ghemil tal-konvenut David Demarco jista' jikkostitwixxi kuntratt ta' garanzija kif kontemplat fl-Art. 1322 (3) (h) tal-Kodici Civili, u ghalhekk kien jirrikjedi l-kunsens ta' martu, cioe' tal-attrici; u

4. Illi dan il-kunsens ma nghatax lill-konvenut David Demarco minn martu l-attrici, u ghalhekk dak l-att ta' amministrazzjoni straordinarja tal-konvenut David Demarco huwa annullabbli minn martu l-attrici skond il-ligi; u

5. Inoltre dik il-garanzija nghatat a titolu gratuitu; u

6. Illi l-attrici saret taf b'din il-garanzija meta waslet ittra bonarja datata 24 ta' Awissu, 2001, (Dok.B) indirizzata lill-konvenut David Demarco fid-dar konjugali taghhom;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Thassar u tannulla l-garanzija moghtija minn zewgha l-konvenut David Demarco a favur tal-konvenuta l-ohra s-socjeta' Anthony Farrugia Co. Ltd., a rigward debiti ta' Price Club Operators Ltd.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' Anthony Farrugia Company Limited, li in forza taghha ecceppiet:

1. Illi kif proposta, it-talba attrici hi insostenibbli – peress li tali talba, biex thassar u tannulla l-garanzija tikkompeti lil zewgha li ffirmaha u mhux lilha. Hi setghet, se mai tipprocedi biex tikkawtela l-posizzjoni taghha – billi titlob ir-revoka fil-konfront tad-drittijiet taghha – dan pero' l-attrici ma talbitux;

2. Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' frar, 2002, fejn il-Professur Ian Refalo, f'isem il-konvenuti Wallace u domenica Fino, iddikjara li l-patrocinati tieghu m'ghandhomx interess jikkontestaw il-kawza;

Rat in-Nota tal-konvenut David Demarco li biha ddikjara illi l-interess guridiku tieghu f'din il-kawza huwa indentiku ghall-interess guridiku tal-attrici martu fl-istess kawza;

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment ma' kawzi ohra b'meritu simili, u cioe', dawk bin-numri 10/2002, 11/2002, 12/2002, 13/2002 u 14/2002, ilkoll pendenti quddiem din l-istess Qorti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn id-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-attrici hija mart il-konvenut David Demarco li kien il-Financial Controller tas-socjeta' Price Club Operators

Limited. Din is-socjeta' kienet topera *chain* ta' supermarkets imxerda ma' Malta u Ghawdex u, peress li kellha l-htiega li tixtri, l-prodotti li riedet tbiegh, *in bulk* minghand diversi *wholesalers* lokali, dahlet fi ftehim maghhom biex tinghata *credit facilities* favorevoli. Ftehim simili gie ffirmat mas-socjeta' konvenuta, Anthony Farrugia Company Limited, li offriet lis-socjeta' Price Club *credit* ta' disghin (90) gurnata fuq somma ta' Lm25,000 valur ta' prodotti. Dan il-ftehim gie ffirmat mis-Sinjuri Chris Gauci u Wallace Fino, diretturi tas-socjeta' Price Club Operators Ltd., u minn David Demarco, bhala l-Financial Controller tas-socjeta'. Fuq din l-iskrittura il-firmatarji assumew "*personal responsibility for payment"*. Ebda konsorti ta' firmatarju ma deher jew iffirma dak il-ftehim, ghalkemm it-tlett firmatarji kienu mizzewga dakinhar tal-konkluzzjoni tal-kuntratt.

Irrizulta li s-socjeta' Price Club Operators Ltd., ghaddiet minn problemi finanzjarji u waqghet lura fil-pagamenti. Is-socjeta' Anthony Farrugia Co.Ltd. fittxet lill-kumpanija, lill-firmatarji u lil zwieghom personalment ghall-hlas. Il-kumpanija u l- firmatarji qed jikkontestaw dik il-kawza, pero', fil-frattemp, l-attrici, mart il-Financial Controller David Demarco, resqet din il-kawza li fiha qed titlob li l-kuntratt ta' assunzjoni ta' garanti ta' zewgha jigi dikjarat null ghax sar *ad insaputa* taghha u minghajr il-kunsens taghha bi ksur tal-artikolu 1322 tal-Kodici Civili.

Irrizulta mhux kontestat li l-attrici u zewgha zzewgu hawn Malta minghajr kitba ta' zwieg u kwindi jopera bejniethom ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti *ai termini* tal-artikolu 1316 tal-Kodici Civili.

L-attrici tghid, u fuq dan tidher li hi korroborata, li fid-data tal-iffirmar tal-iskrittura privata f'Settembru tal-1999, hija ma kienetx prezenti u li ma kienetx taf li zewgha kien iffirma dak il-ftehim.

Skond l-artikolu 1322 (3) (h) tal-Kodici Civili, il-kuntratt ghal xi garanzija gie dikjarat li hu att ta' amministrazzjoni straordinarja, u skond l-artikolu 1322 (2) il-jedd li jitwettaq att simili "imissu liz-zewg mizzewgin flimkien". Peress li l-

attrici ma tatx il-kunsens taghha ghat-twettiq ta' dak il-ftehim, hi qed titlob l-annullament tieghu a tenur tal-artikolu 1326 tal-istess Kodici Civili.

L-artikolu 1326 tal-Kodici Civili jaghti l-fakolta' lil dik il-konsorti li ma tkunx tat il-kunsens taghha ghall-att straordinarju li jannulla dak l-att kemm-il darba dak l-att ikun dwar it-trasferiment jew il-holqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta' immobbli; meta dak l-att ikun dwar propjeta' mobbli,  dan jista' jkun annullat biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b'titolu gratuitu.

Ma giex allegat, f'dan il-kaz, li l-azzjoni attrici ma saritx fit-terminu impost bil-ligi.

Il-garanzija li ffirma l-konvenut David Demarco tolqot kemm proprieta' immobiljara, kif ukoll proprieta' mobbli, u dan peress li garanzija personali tfisser li d-debitur ikun dahal responsabbli ghad-dejn bil-gid kollu tieghu, prezenti u futuri, kemm mobbili kif ukoll immobbli. In kwantu l-garanzija tista' taffettwa l-proprieta' mobbli, ma jidhirx li l-garanti ffirma dik il-garanzija versu korrispettiv, u anke fid-dawl ta' dak li se jinghad aktar 'l quddiem dwar il-mestjer tal-konvenut firmatarju, jidher li l-assunzjoni saret b'titolu gratuitu.

Darba li rrizulta li l-garanzija personali, li hi att straordinarju b'disposizzjoni espressa tal-ligi, giet assunta mir-ragel minghajr kunsens jew firma tal-mara, allura jidher li l-attrici ghandha tirnexxi fl-azzjoni taghha. Fil-fatt, din il-Qorti lanqas ma tqies li l-att iffirmat mill-konvenut David Demarco jista' jaqa' taht id-dispositiv tal-artikolu 1324 tal-Kodici Civili, li jippermetti atti normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, u li jigu ffirmati u assunti biss mill-konsorti li jmexxi dak il-kummerc jew negozju li jitqiesu validi, avvolja dawk l-atti jkunu normalment jikkostitwixxu atti ta' amministrazzjoni straordinarja. Il-konvenut David Demarco ma kienx Direttur jew Manager tas-socjeta' Price Club, izda biss Financial Controller, u l-mestjer ta' Financial Controller ta' kumpanija ma jinvolvix, normalment, l-assunzjoni ta' garanti personali ghall-hlas tad-debiti tal-kumpanija. Financial Controller huwa

responsabbli li jikkontrolla l-finanzi u l-kotba tal-kumpanija li maghha jkun impjegat, u ma jidholx fid-deskrizzjoni tax-xoghol tieghu li jkun personalment responsabbli mid-djun tal-kumpanija. Ghaliex il-konvenut David Demarco accetta dak l-obbligu f'dan il-kaz mhux meritu ta' din il-kawza, pero', zgur ma jistax jigi ammess li dik l-assunzjoni kienet att "normali" tan-negozju jew professjoni tal-firmatarju David Demarco.

Ma jirrizultax, lanqas, li l-attrici tat xi prokura lil zewgha biex dan jiffirma ghaliha. Hu veru li fuq il-kuntratt hemm klawsola li tghid li "*married applicants declare to sign this application in their own name as well as on behalf of their wife/husband";* imma din il-klawsola ma tistax isservi bhala prokura ghal fini tal-amminstrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghalkemm, bhala regola generali, prokura tista' tinghata anke verbalment, ghal dan il-kaz, il-ligi trid li tali prokura tinghata b'att pubbliku jew kitba privata li jkollha l-elementi rikjesti fl-artikolu 1322 (6) u (7) tal-Kodici Civili. F'dan il-kaz, ma giet prodotta ebda prokura fis-sens tal-ligi, u kwindi l-firmatarju David Demarco ma kellu ebda awtorita' jiffirma u jintrabat ghan-nom ta' martu.

Sa hawn, mela, din il-Qorti, tikkondividi mal-argumenti tal-attrici. Fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-attrici huwa sa fejn hi trid twassal dan l-argument taghha, u cioe', li thassar in toto l-garanzija li ffirma zewgha, anke, jigifieri, in kwantu dik il-garanzija giet assunta minn David Demarco f'ismu propju. Din il-Qorti tasal biex tghid li din il-garanzija ma torbotx il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mizzewgin Demarco, izda mhux li dik il-garanzija ma tolqotx il-proprieta' parafernali tal-firmatarju David Demarco.

Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi ghall-ligi tal-komunjoni tal-akkwisti bl-att XII tal-1993, l-amministrazzjoni tal-komunjoni kienet fdata esklussivament lir-ragel, tant li gie kemm-il darba deskritt bhala "kap u padrun" tal-istess komunjoni tal-akkwisti. Il-mara kellha sehem fil-komunjoni, izda dan is-sehem kien wiehed potenzjali, tant li kien jinghad li "*uxar non est socia sed speratur fare".* Kien hemm, fis-sens legali, konfuzjoni bejn il-proprieta'

parafernali tar-ragel u l-assi tal-komunjoni, b'mod li, ghall-terz, dawn kienu proprieta' wahda u ma kienet issir ebda distinzjoni bejn il-gid personali tar-ragel u l-proprieta' tal-komunjoni. Kien jinghad li "*maritus vivit ut dominus, moritur ut socius",* u r-ragel gie ordinarjament deskritt bhala l-proprjetarju tal-assi tal-komunjoni, b'mod li l-mara jew l-eredi taghha jkunu jistghu jirreklamaw is-sehem taghha biss meta jinhall iz-zwieg (ara, per ezempju, is-sentenza riportata fil-Vol. XXXIV.II.503).

L-emendi introdotti bl-Att XII tal-1993 kisru dan il-principju ta' unita' fil-persuna tar-ragel, u l-komunjoni tal-akkwisti ghandu, illum, sa mill-bidu tal-ghaqda fi zwieg taht dak ir-regim, ezistenza indipendenti u awtonoma mill-assi partikolari tal-konsorti. Kemm ir-ragel kif ukoll il-mara, wara z-zwieg, jibqghu jzommu kontroll personali fuq il-proprieta' parafernali taghhom, u jibqalghom il-jedd li jamministraw dik il-proprieta' indipendenti minn xulxin. X'jaghmel konsorti mill-assi personali tieghu ma jinteressax lill-konsorti l-ohra, u ghalkemm il-frutti ta' dawk il-beni parafernali jidhlu fil-komunjoni, x'isir minn dawk il-beni u kif u fejn jigu nvestiti jiddeciedi l-konsorti proprietarju wahdu.

Kwindi, ir-ragel u l-mara mhux eskluzi milli jidhlu f'negozju u jintrabtu personalment, ghax huma zammew il-personalita' guridika taghhom indipendenti minn dik il-komunjoni. Kwindi ma jistax jigi eskluz li kull konsorti li agixxa f'ismu jkun qed jorbot biss lilu nnifsu. Infatti, l-artikolu 1328 jiddistingwi bejn djun parafernali u dawk tal-komunjoni u jghid li *ceteris paribus* il-kredituri tal-ahhar jigu qabel dawk ta' l-ewwel, imma djun parafernali, mahluqa mill-konsorti li jagixxi wahdu, jistghu jinholqu anke wara z-zwieg (ara artikolu 1329) u huma validi.

L-artikolu 1321 (1) tal-Kodici Civili jghid li l-beni kollha tal-mizzewgin jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx pruvat xort'ohra; ma tghidx, u ma hemm ebda disposizzjoni li tghid, li d-djun li jassumi konsorti jkunu prezunti li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti.

In-nuqqas ta’ din il-Qorti, diversament preseduta, li tohrog id-distinzjoni li tezisti bejn konsorti u l-proprieta’ tieghu, min naha ‘l wahda, u l-koppja u l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, minn naha l-ohra, jidher li kienet ir-raguni li waslet lil din il-Qorti tannulla att li ghamel ragel minghajr il-kunsens ta’ martu fil-kawza “Calleja vs Calleja et” deciza fit-2 ta’ Ottubru, 2002. Din il-Qorti f’dik il-kawza, qalet li ftehim null “minhabba l-assenza ta’ xi rekwizit legali”, ma jistax jigi solvut billi dak il-ftehim jibqa’ vigenti kontra parti ohra. Is-socjeta’ kreditrici, kompliet tghid din il-Qorti, kellha fin-negozjati tassikura li dak li kien qed jigi miftiehem kien jissodisfa r-rekwiziti kollha legali.

Bir-rispett kollu lejn din il-Qorti kif allura presjeduta, din il-Qorti, kif issa presjeduta, ma taqbilx li l-ftehim jista’ jitqies null minhabba “l-assenza ta’ xi rekwizit legali”. Ir-rekwizit legali, u cioe’, il-kunsens tal-mara, hu mehtieg biex dak il-ftehim jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti, izda mhux mehtieg ghall-validita’ nnfisu tal-ftehim. In-nuqqas tal-kunsens tal-parti l-ohra jista’ jwassal ghall-annullament tal-att in kwantu jolqot il-komunjoni tal-akkwisti, izda mhux tal-att innifsu. Bl-argument ta’ din il-Qorti fil-kawza kwotata, ir-rizultat ikun li kull att ta’ konsorti minghajr il-kunsens tal-konsorti l-ohra, ikun null jekk l-att ikun wiehed minn dawk deskritt bhala wiehed straordinarju fl-artikolu 1322 (3) tal-Kodici Civili. Dan zgur mhux il-hsieb wara l-emendi introdotti bl-att XII tal-1993, li ma kellhom qatt l-iskop li jxekklu lill-konsorti milli jagixxi wahdu u kif irid f’relazzjoni mal-assi parafernali tieghu. Konsorti ghandha l-amministrazzjoni “b’mod eskluziv” (artikolu 1334 (2)) tal-beni parafernali taghha, u dan ifisser li dik il-konsorti tista’, wahedha, tagixxi bl-aktar mod straordinarju li trid, bosta’ b’dan l-agir ma tkunx qed tobbliga lill-kommunjoni tal-akkwisti.

Din id-distinzjoni tidher cara wkoll minn ezami tal-artikolu 1327 (b) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li huma djun tal-komunjoni, l-ispejjez u l-obbligi li jkunu saru ghall-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti, hlief dawk l-ispejjez li jsiru b’atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jsiru minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra”. Dan l-artikolu jimplika li d-djun inkorsi minn parti

wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra huma validi, biss ma jkunux djun li jimpingu fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

Konsorti ma tistax tindahal u tagixxi biex thassar att li fiha hi ma kienetx parti u li sehh bejn zewgha u terz, sakemm dak l-att ma jolqotx l-interessi taghha *qua* kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti. Hu s'hawn li jasal l-interess guridiku taghha, izda sa fejn l-obbligi ta' zewgha ma jolqtux l-interessi taghha fil-komunjoni, hi ma tistax tindahal. Il-liberta' ta' konsorti m'ghandhiex tigi mxekkla b'mod li, kull meta jagixxi wahdu, jista' jsib lill-parti l-ohra tigri warjah u thassarlu kull ma jaghmel. Il-konsorti l-ohra tista' tindahal sa fejn l-att jista' jolqot l-interessi taghha, izda spicca dak l-interess, jispicca d-dritt ta' azzjoni ulterjuri.

Il-konsorti li ma jkunx parti f'att straordinarju ghandu dritt jitlob dikjarazzjoni li dak l-att ma jolqotx il-komunjoni, izda darba ottenuta dik id-dikjarazzjoni dak il-konsorti ma jibqalux aktar interess fil-materja. Sakemm l-obbligazzjoni assunta mill-konsorti wahdu ma tkunx marbuta espressament ma kundizzjoni li din trid torbot lill-komunjoni tal-akkwisti, l-konsorti l-ohra m'ghandha ebda interess thassar dik l-obbligazzjoni, u l-interess taghha hu limitat biss li takkwista dikjarazzjoni li ghal dik l-obbligazzjoni jaghmel tajjeb biss il-konsorti li ffirma.

Fuq dan din il-Qorti hija konfortata wkoll bid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Apell fil-kawza "Frendo vs Zahra" deciza fil-31 ta'Jannar, 2003. Ghalkemm din il-Qorti, bir-rispett, ma taqbilx ma' dak kollu li jinghad f'dik is-sentenza, id-decizjoni fil-meritu kienet li zzomm fis-sehh obbligazzjoni li assuma r-ragel f'ismu u f'isem il-kumpanija tieghu, izda li tiddikjara li dak id-dejn ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti peress li l-mara ma kienetx firmatarja. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ma qaletx li d-dejn li assuma fuqu r-ragel hu null ghax il-ftehim ma sarx bil-kunsens tal-mara, imma lliberat biss lill-mara u lill-komunjoni tal-akkwisti, u qieset l-obbligazzjoni ghall-bqija valida fil-konfront tar-ragel. Dik l-Onorabbli Qorti implictament irrikonoxxiet li r-ragel jista' jagixxi wahdu, u

jista' wahdu jassumi kull obbligazzjoni li jidhirlu, u dik l-obbligazzjoni tkun valida u torbot, b'dan, pero', li l-kreditur m'ghandux jinvolvi lill-mara u lill-komunjoni f'dik l-obbligazzjoni fl-esekuzzjoni ta' dak il-ftehim.

Hekk ukoll, fil-kawza "Aquilina noe vs Falzon et", deciza minn din il-Qorti (per Onor.G. Caruana Demajo) fis-16 ta' Ottubru, 1998, gie affermat li mara mizzewga ghandha l-kapacita' li tidhol f'obbligazzjonijiet minghajr il-kunsens jew l-assistenza ta' zewgha, u dik l-iskrittura torbot lill-mara wahedha u ghandha taghmel tajjeb ghall-istess obbligazzjonijiet bil-beni parafernali taghha. Hemm ukoll kien gie allegat li l-att hu null ghax ma kienx gie ffirmat mir-ragel u l-mara, u din il-Qorti, ghalkemm qablet li dak il-kuntratt iffirmat mill-mara biss, ma kienx jorbot il-komunjoni tal-akkwisti, affermat li ma kienx null, izda validu fil-konfront tal-mara biss.

Kreditur li jkun qed jinnegozja ma' konsorti wahdu, m'ghandux ghalfejn jirrikjedi aktar mill-firma tieghu biex b'hekk ikollu obbligazzjoni valida u bir-"rekwiziti kollha legali"; huwa biss biex jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti, li jkun jirrikjedi l-firma tal-konsorti l-ohra. Kuntratt li jinvolvi att ta' natura straordinarja ffirmat minn konsorti wahdu, mhux nieqes mir-"rekwiziti kollha legali", izda validu u jorbot lil min jiffirmah.

Din il-Qorti hasbet aktar fuq din il-materja. Att straordinarju jinghata din id-denominazzjoni jekk ikun att ta' amministrazzjoni straordinarja, jigifieri, in kwantu u meta jkun att li jirreferi ghall-komunjoni; att li ma jirreferix ghall-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, huwa semplici att, minghajr kwalifika ta' ordinarju jew straordinarju. Ghalhekk, sakemm dak l-att ma jitqies li hu marbut direttament mal-amministrazzjoni tal-komunjoni, mhux mehtieg li jigi kwalifikat bhala ordinarju jew straordinarju. F'dan il-kaz, ma hemm xejn x'jorbot l-assunzjoni ta' garanzija da parti tar-ragel mal-amministrazzjoni tal-komunjoni, specjalment meta tqis li dak il-ftehim mhux relatat max-xoghol tieghu bhala Financial Controller, u kwindi l-att hu dak li hu u jorbot biss lil min jiffirmah. Il-firmatarju David Demarco huwa *accountant by profession*

u ma jirrizultax li qatt kien fil-*business* jew mexxa xi negozju. Kwindi l-agir tieghu meta ffirma l-garanzija tmur lil hinn u mhux relatata mal-amministrazzjoni tal-komunjoni li tiddependi ghall-konsistenza taghha fuq il-professjoni tieghu bhala *accountant.* Dan ifisser li qabel ma att jigi deskritt bhala ordinarju jew straordinarju, irid l-ewwel jintwera li hu marbut mal-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; jekk le, il-provvedimenti ta' l-artikolu 1326 ma japplikawx ghal dak l-att.

Ghalhekk, it-talba attrici, in kwantu mirata ghall-annullament tal-garanzija iffirmata minn zewgha, ma tistax tigi milqugha, b'dan li din il-Qorti qed tiddikjara, ghal kull buon fini, li kwalunkwe obbligazzjoni naxxenti mill-iskrittura ta' Settembru, 1999, hija parafernali ghall-firmatarju David Demarco u mhux ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn David Demarco u martu l-attrici, salv il-provvediment tal-artikolu 1329 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, previa li tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Anthony Farrugia Co. Ltd., tichad it-talba attrici – bil-proviso dettat fil-paragrafu precedenti.

Minhabba n-natura komplessa tal-kaz, il-Qorti tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------